# L-ASSEDJU L-KBIR TAL-1565 (3)

## L-Imdina fl-Assedju l-Kbir



JOSEPH SERRACINO



Il-wasla tal-Flotta Torka f'Malta

Bħalma jaf kulħadd, l-Imdina hi l-eqdem belt f'Malta. Għalkemm ħadd ma jaf eżatt min bniha, xi storiċi jsostnu li din il-belt taf il-bidu tagħha lill-Griegi u l-ewwel isem tagħha kien Melith – kelma Griega u mhix Feniċja bħalma jaħsbu xi wħud.

Maż-żmien din il-kelma tbiddlet u saret Melita bħalma kienu jsejħulha r-Rumani. Isib min jgħidlek li kienu r-Rumani li l-ewwel bnew villaġġ żgħir fuq din l-għolja ċatta li kompla jikber tant li maż-żmien żviluppa f'belt sabiħa. Meta Malta għaddiet taħt il-ħakma Għarbija, din il-kelma tbiddlet u saret Medina, fejn wara saret Mdina kif għadha tissejjaħ salġurnata tal-lum. Kienu l-Għarab li ċekknu din il-belt kif nafuha llum, iffortifikawha bi swar b'saħħithom u ħaffru foss fuq in-naħa tad-dħul tagħha biex jifirduha mir-Rabat.



Dehra sabiħa tal-Imdina mill-ajru

Mal-milja tas-snin il-ħakma ta' Malta għaddiet f'idejn in-Normanni (1090); l-Isvevi (1194); l-Anġevini (1266); l-Aragoniżi (1283); Castellani (1479) u wara f'idejn il-kavallieri (1530) u għalhekk, din il-belt rat il-bidu u t-tmiem ta' kull ħakma kif ukoll il-ġrajjiet sbieħ u koroħ li għaddew minnhom missirijietna, sakemm finalment it-tmexxija ta' art twelidna għaddiet f'idejna. Fl-antik, lil din il-belt kienu jirreferu għaliha bħala 'Notabile' jew 'Citta Vecchia' u dan minħabba l-fatt li din il-belt hi l-iktar belt antika f'pajjiżna.

Għalkemm il-wasla tal-kavallieri fostna fl-1530, u d-deċiżjoni tagħhom li jistabilixxu l-kwartieri tagħhom fil-Forti Sant' Anġlu u fil-Birgu naqset xi ftit mill-importanza li kellha din il-belt, madankollu, għall-ewwel snin tal-ħakma tagħhom fuq pajjiżna, il-poplu Malti baqa' jħares lejn in-nobbli Maltin, li fil-maġġoranza tagħhom kienu jgħixu fl-Imdina, bħala l-mexxejja leġittimi tiegħu. Iżda aktar ma beda għaddej żmien, il-kotra tal-poplu Malti rrealizzat, li l-Ordni tal-kavallieri, barra li kienet potenza qawwija, it-tmexxija tagħha kienet ħafna aħjar mis-sidien fewdali li kellhom qabilhom.

B'danakollu għalkemm il-kavallieri kienu qegħdin jamministraw il-pajjiż mill-Kastell ta' Sant' Anġlu u bdew jiżviluppaw dawk in-naħat u jsaħħu kemm jistgħu d-difiża tal-Port, huma mill-ewwel ħatru Gvernatur għal din il-belt u minnufih nbeda x-xogħol ta' manutenzjoni fuq is-swar qodma biex tissaħħaħ immedjatament id-difiża tal-belt minħabba l-biża' ta' xi assalt għal għarrieda mill-furbani, li f'dawk iż-żminijiet kienu ta' spiss jidhru jimirħu f'dawn in-naħat u jattakkaw u jisirqu l-irħula u l-villaġġi qrib ix-xtajtiet.

Biex isserraħ ras il-poplu ta' dawk l-inħawi, il-Gran Mastru Juan d'Homedes (1536-1553) bagħat stakkament ta' suldati Maltin u barranin, u magħhom ingħaqdet ukoll il-kavallerija Maltija li ta' spiss kienet toħroġ mill-belt tal-Imdina biex tissorvelja dawk in-naħat imbiegħda mill-port, kif ukoll tħares u tgħasses aħjar ix-xtajtiet l-aktar milqutin mill-furbani. Meta s-saraċini jew il-furbani (ħallelin tal-baħar) intebħu li l-kavallerija kienet għassa tagħhom, u li ma' kull inżul li jagħmlu kienu qegħdin isibuha fuqhom mill-ewwel, qatgħuha li ma jersqux aktar lejn xtutna jekk ma jkunux armati u ppreparati għattaqbid.

Fil-fatt insibu, li kemm qabel kif ukoll fl-ewwel snin tal-Ordni f'Malta, l-Għarab ħabtu għal xtutna kemm-il darba, iżda assedju ieħor li għaddiet minnu l-Imdina jissemma fl-1551.

Kien f'nofs Lulju tal-1551, meta l-kursar Dragut (Turgot Rais) u Sinam Baxa, bi flotta kbira ta' 150 xini, wara li ħarbtu u taw in-nar lill-Port ta' Augusta fi Sqallija, fi triqthom lejn il-Port ta' Tripli li kien f'idejn l-Ordni, daħlu fil-Port ta' f'Marsamxett u niżżlu t-truppi l-art bil-ħsieb li jassedjaw lill-Forti Sant' Anġlu u l-Birgu, iżda meta Dragut fela tajjeb is-swar għoljin u ntebaħ li ma kienx imħejji tajjeb biex jattakkahom, kif ukoll minħabba l-fatt li l-kavallerija u l-fanterija Maltija taħt il-kmand tal-Kavallieri De Geuimeran u Nicholas Upton, attakkathom mill-ewwel fuq l-Għolja Xeberras, huwa qatagħha li javvanza bl-eżerċitu tiegħu lejn l-Imdina.

Kif l-abitanti tal-irħula ta' madwar din il-belt raw littruppi Torok resqin lejn il-kapitali, huma mill-ewwel intebħu x'kien ġej għalihom, għalhekk waqt li ġabru lil uliedhom u kull ma kellhom għażiż għalihom, ġrew għall-kenn tal-iswar. Tradizzjoni antika tgħidilna li soru ta' San Benedittu tal-Imdina kellha viżjoni ta' Santa Agata u nebbħitha, li jekk iqiegħdu x-xbieha tagħha fuq is-swar, it-Torok jitwerwru u jaħarbu.

Wara konsultazzjoni mal-Vigarju Manduca, il-Maltin ħarġu x-xbieha tal-qaddisa fuq is-swar u t-Torok minnufih irtiraw lejn il-bajja ta' San Pawl il-Baħar, minnfejn f'konfużjoni kbira mbarkaw fuq ix-xwieni tagħhom u salpaw lejn il-gżira ta' Għawdex, fejn wara li assedjaw il-kapitali u rebħuha, huma kaxkru lil kulmin sabu b'saħħtu fil-jasar.

L-istoriċi jgħidulna li dak in-nhar Dragut ġabar mhux inqas minn 3,000 ruħ u ħadhom miegħu fil-jasar. F'1563, Dragut reġa' attakka lill-Għawdex, iżda kontra kull mistenni ma resaqx lejn Malta. Kellu jkun fl-Assedju tal-1565 li dan il-kursar aħrax, kellu jerġa' jersaq lejn xtutna biex jgħin lill-ġeneral Mustafa Baxa fit-tentattiv tiegħu biex jirbaħ lil Malta, iżda din id-darba d-destin ried li hu jitlef ħajtu fuq il-gżira li hu tant ħaqar.

Meta l-flotta Torka dehret 'l barra mill-Port il-Kbir sbieħ it-18 ta' Mejju 1565 u ngħata s-sinjal minn Sant' Jiermu, minnufih ingħatat l-ordni mill-Gvernatur tal-Imdina biex jisparaw tliet tiri ta' kanun bħala twissija lin-nies li kienu jgħixu fl-irħula ta' dawk in-naħat, li t-Torok dehru fuq ix-xefaq. F'inqas minn siegħa, in-nies bdiet dieħla għall-kenn tas-swar, iġġor magħha fuq karrettuni kull ħaġa għażiża u warajhom il-merħliet tagħhom. L-imsejknin raħħala, imwerwrin mill-esperjenza qarsa tal-assalti mill-furbani u taqtiegħ il-qalb, fittxew li jgħaġġlu lejn il-belt minħabba l-biża' li t-Torok setgħu jilħqu fuqhom għal għarrieda. Mal-inżul tat-Torok f'Marsaxlokk, ix-xwejjaħ Don Mesquita – Gvernatur tal-Imdina, bagħat għadd ġmielu ta' kavallieri u suldati biex jgħinu lill-kavallieri fil-fortizzi ta' Sant' Anġlu u f'San Mikiel, peress li kien wasallu tagħrif li xi kavallieri volontarjament għażlu li jmorru jiddefendu l-Forti Sant' Jiermu.

Waqt li l-Forti Sant' Jiermu kien qed jiġi bbumbardjat bla ħniena mit-Torok mill-art u mill-baħar, Don Mesquita kien ta' sikwit jibgħat lill-kavallerija Maltija taħt il-kmand tal-Kavallier Vincenso Amastagi biex tissorvelja l-inħawi ta' madwar l-Imdina u ma tħallix Torok jiġġerrew u jgħarrxu fil-kampanja, kif ukoll xi drabi tahom ordni biex jinżlu jattakkaw il-kampijiet Torok li kellhom il-Marsa.

Dawk l-attakki għal għarrieda, barra li kienu jgħollu l-moral tal-qalbiena li kienu magħluqin f'Sant' Jiermu, u jħeġġuhom ikomplu jirreżistu l-attakki ħorox u mdemmija li l-Misilmin kienu qegħdin jagħmlu kontinwament fuq dak il-forti taż-żonqor, lit-Torok kienu qegħdin iħawduhom għax kemm-il darba ħasbu li kienet waslet xi għajnuna minn Sqallija.

Xi storiċi jsostnu, li qabel l-Assedju l-Kbir, fl-Imdina kien hemm madwar 100 kavallier, 1,500 suldat (Maltin) u l-kavallerija, iżda meta matul l-assedju, għadd ġmielu ta' kavallieri u suldati volontarjament niżlu jiddefendu lill-Forti Sant' Jiermu, u xi riġmenti oħrajn ta' suldati ntbagħtu biex jgħinu fid-difiża tal-Birgu kif ukoll tal-Isla, fil-belt tal-Imdina baqgħu biss madwar 500 suldat u xi 60 kavallier biex jiddefendu s-swar tagħha…



Dehra tas-Swar tal-Imdina